# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis hmistax (15) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 286/12 FDP**

**Dr Joseph Cassar**
**(222266M)**

**vs**

**Dr Stefan Zrinzo Azzopardi u Joseph Cordina bhala President u Amministratur Finanzjarju tal-Partit Laburista, ghan-nom u in rappresentanza tal-Partit Laburista.**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-14 ta' Awissu 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi jaghmel referenza ghall stqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Laburista fit 2 ta' Awissu 2012, jitlob lill-Qorti tiddikjara illi tali Staqrrija tikkontjeni allegazzjonijiet libelluzi u malafamanti li ghandhom bhala ghan li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tar-rikorrent u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimati ihallsuh danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Istqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Ufficcju tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista fit 2 ta' Awissu 2012, intitolata "**Ir-responsabbilta' kollha taqa' f'hogor Joe Cassar**", liema stqarrija tghid is-segwenti:

*Il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku llum tat kundanna lis-sistema tal-ghazla tal-konsulenti.*

*Ir-responsabbilta' ta' din is-sistema taqa' kollha kemm hi f'hogor il-Ministeru tas-Sahha u l-Ministru Joe Cassar, li tahtu sehhet din il-froga tal-ghazla ta' konsulenti li ma kienux elegibbli.*

*Din is-sistema wasslet biex ir-ragel tat-tifla ta' Ministru iehor jintghazel bhala konsulent meta dan lanqas biss kien elegibbli.*

*Dan l-agir iwassal ghall suspetti gravi ta' sistema li taghti lok ghall-abbuz.*

*Is-silenzju tal-Prim Ministru dwar dan il-kaz ikomplu jikkonferma dawn is-suspetti.*

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fit 3 ta' Settembru 2012 fejn laqghu ghal dak lilhom addebitat billi sahqu illi tt-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-pubblikazzjoni ma kienetx libelluza fit-termini tal-ligi. Sahqu wkoll illi l-pubblikazzjoni tikkonsisti fl-espressjoni tal-fehmiet tal-partit Laburista intiza bhala kritika politika mill-istess partit fuq materja ta' interess pubbliku dwar fatti sostanzjalment veri u ammissibbli that il-Ligi ta' l-Istampa kemm that il-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-LIbertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr Joe Cassar**, dak iz-zmien Ministru tas-Sahha, moghtija fid 9 ta' Novembru 2012, in ezami u kontro ezami kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent stess seduta stante.

Semghet ix-xhieda tal-**Professur Godfrey Laferla**, Chairman tad-Dipartiment tal-Kirurgija meta gie ippubblikat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, moghtija fit 22 ta' April 2013, in ezami u kontro ezami.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr John Cachia**, li kellu l-kariga ta' Direttur Generali tas-Servizzi tas-Sahha meta gie ppubblikat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, moghtija fit 22 ta' April 2013, in ezami u kontro ezami.

Rat illi fl-10 ta' Gunju 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fis-6 ta' Awissu 2013 saret il-legitimazzjoni tal-atti u dan fis-sens illi il-Perit Daniel Micallef assuma l-atti tal-kawza bhala President tal-Partit Laburista.

Semghet ix-xhieda ta' **Christine Schembri**, bhala rappresentanta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, mogtija fis 7 ta' Marzu 2014 u fit 2 ta' Mejju 2014 in ezami w in kontro ezami kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimati fl-24 ta' Novembru 2014.

Rat illi fit-8 ta' Gunju 2006 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi u ghalhekk il-kawza setghet tithallas ghat-trattazzjoni finali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 13 ta' Lulju 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' l-Istqarrija ghall-Istampa fit 2 ta' Awissu 2012, ir-rikorrenti kellu l-kariga ta' Ministru tas-Sahha fil-Gvern vigenti dak iz-zmien.

Jirrizulta illi fir-rapport tal-Public Service Commission mahrug ghas-sena 2011, ir-rapport iddiskuta dak li hija sejhet "*Elegibility requirements for medical consultancy posts not in keeping with the relevant provisions of the law*", fejn hija semmiet diffikultajiet li nqalghu fl-ghazliet ta' certi karigi ta' konsulenti medici illi eventwalment wasslu sabiex jittiehdu proceduri quddiem l-istess Kummissjoni.

Jirrizulta wkoll illi fit-2 ta' Awissu 2012, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hasset il-htiega illi tohrog Stqarrija ghall-Istampa sabiex ticcara l-posizzjoni taghha dwar decizjonijiet mehudha mill-istess Kummissjoni fejn tlett processi ta' l-ghazla ghall-karigi ta' konsulenti medici gew annulati filwaqt illi l-process ta' l-ghazla ohra kienet giet imhassra, liema decizjonijiet kienu qed jigu rrapurtati mill-media lokali, skond l-istqarrija tal-Kummissjoni, bhala dovuti ghall-fatt illi l-persuni maghzula ma kienux kwalifikati.

Jirrizulta illi fit 2 ta' Awissu 2012, il-Partit Laburista harget Stqarrija ghall-Istampa in relazzjoni ma' tali kwistjoni, intitolata 'Ir-responsabbilta' kollha taqa' f'hogor Joe Cassar'.

Jirrizulta illi dina l-kwistjoni tirrigwarda decizjoni mehuda minn Bord ta' l-Ghazla appuntat ghall-ghazla ta' tlett karigi ta' konsulenti medici fl-Isptar Mater Dei u l-ghazla ta' kariga wahda ta' konsulent mediku fl-Isptar ta' Ghawdex.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni kollha esebita quddiem dina l-Qorti, inkluz dak esebit mir-rappresentanti tal-Public Service Commission, illi l-Ministeru tas-Sahha u, aktar u aktar, ir-rikorrent bhala Ministru tas-Sahha, imkien ma' kien involut kemm fis-sejha pubblika ghal-karigi relattivi kif ukoll fil-process ta' ghazla tal-karigi relattivi, peress illi dawna kienu jinvolvu unikament persuni illi kienu involuti direttament fid-Dipartiment mediku ikkoncernat fl-Isptar illi fihom inhass il-htiega li jigi ingaggat konsulent mediku iehor.

Jirrizulta wkoll illi, f'zewgt istanzi, kien biss **wara** illi l-ghazliet li kienu saru kienu sussegwentement gew irtirati mill-istess Bordijiet stante illi dawna l-Bordijiet kienu qed allegaw irregolaritajiet da' parte tal-Medical Association of Malta (MAM), illi l-Public Service Commission gharrfet lir-rikorrent, bhala Ministru tas-Sahha, dwar il-problemi li kienu nqalghu fl-ghazla ta' zewgt konsulenti medici.

Jirrizulta wkoll illi, fiz-zewgt istanzi l-ohra, ir-rikorrenti, bhala Ministru tas-Sahha, qatt ma kien involut fil-kwistjoni stante illi qatt ma kien gie mgharraf bil-problemi.

Jirrizulta, ghalhekk, illi, a differenza ta' dak allegat mill-Partit Laburista fl-Istqarrija ghall-Istampa taghha tat 2 ta' Awissu 2012, ir-rikorrenti, bhala Ministru tas-Sahha, qatt ma kien involut f'ebda process ta' l-ghazla tal-Konsulenti u ghalhekk ma huwiex minnu, kif allegat tali Staqrrija, illi "*tahtu sehhet fin il-froga tal-ghazla ta' konsulenti li ma kienux elegibbli*".

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi d-difiza mqajjma mill-intimati hija dik illi huma kienu qed jaghmlu kritika politika fuq fatti sostanzjalment veri u fuq materja ta' interess pubbliku. Ghalhekk il-Qorti tifhem illi l-intimati qieghdin jinvokaw id-dritt taghhom ta' liberta' ta' espressjoni abbinata mal-fatt illi tali espressjoni qieghda ssir minn partit politiku illi, ghalhekk, huwa permess illi jaghmel kritika ta' politici ohra.

Il-Qorti, qabel xejn, tossserva illi partit politiku ma ghandu jkollu ebda beneficci aktar minn persuna normali u ghalhekk, ghalkemm l-intimati jinvokaw il-principju ta' kritika politika, tali livell ta' kritika ghandhu jitqies l-istess bhal 'valur judgment' jew 'fair comment' illi kull persuna ghandu dritt jinvoka, u ghalhekk ghandu jigi soggett ghall-istess kriterji ben stabbiliti fil-kamp ta' 'value judgment' u 'fair comment'.

Dwar tali difiza, **Gatley on Libel and Slander** jghid is-segwenti,:

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Il-Qorti tosserva illi huwa fatt indiskuss li d-"difiza" tal-"fair comment" dejjem kienet intiza sabiex tibbilancja  dritt li hu daqstant importanti, ossija dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu.

Di fatti, kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, intqal illi:

*dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke rifless f'gurisprudenza estera u, di fatti, fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

*A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' 'value judgment', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

*... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the*

*impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it .”*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-provi fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta’ ‘fair comment’ u ‘value judgment’ tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirriuzlta, mill-provi prodotti, illi l-intimati qieghdin jattribwixxu d-diffikultajiet kollha illi nqalghu fl-ghazla ta’ l-erbgha konsulenti medici differenti ma’ agir tar-rikorrenti u, di fatti, jintitolaw l-Istqarrija “**Ir-responsabbilta’ kollha taqa’ f’hogor Joe Cassar**”.

Jirrizulta izda, mill-provi kollha prodotti, illi tali konkluzjoni kienet milhuqa fuq fatti illi huwa sostanzjalment inkorretti, stante illi gie ampjament ippruvat illi r-rikorrenti, bhala Ministru tas-Sahha, qatt ma kien involut f’tali process ta’ ghazla.

Ghalhekk, jirrizulta illi dak dikjarat mill-Partit Laburista kiene manifestmanet zbaljat u ghalhekk seta ghamel hsara lir-reputazzjoni tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Dina l-Qorti dejjem insistiet illi l-politiku ghandu jkun soggett ghall-kritika ferm oghla minn dik ta’ persuna normali, u dana huwa in linea ta’ decizjonijiet varji tal-Qrati lokali u Ewropej illi jissanzixxu tali principju.

Madanakollu, ghalkemm politiku huwa soggett ghall-skrutinju ferm oghla dettata mill-kariga pubblika tieghu, ghandu jkun jigi protett mill-Qorti f’kaz illi qed isiru allegazzjonjiet invertijeti fil-konfront tieghu.

Finalment, il-Qorti tosserva illi, kif gia kellha l-opportunita’ tirrileva illi f’kazijiet simili, ghal dak li jirrigwarda danni li jistghu jigu akkordati, huwa ferm aktar importanti ghall-persuna involuta fil-politika illi r-reputazzjoni tieghu tigi protetta u ri-integrata mill-Qorti aktar milli jinghata kumpens finanzjarju.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha ta’ l-intimati, u ghalhekk

**Tilqa** t-talbiet attrici kif dedotti u

**Tiddikjara** l-Istqarrija mahruga mill-Partit Laburista fis 2 ta' Awissu 2012 intitolata "**Ir-responsabbilta' kollha taqa' f'hogor Joe Cassar**" bhala libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, u

**Tikkundanna** lill-intimati in solidum bejniethom, in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' elf Euro (€1,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

Imghax ikun dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**